**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 33 – L-ERBGĦA, 5 TA' ĠUNJU 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru (wasal fis-5:45pm) |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata | Maria Vella | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħat 31 u 32 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ- *Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-*Chairperson* qalet li s-Sur Tony Sammut, resident minn Triq is-Sikka għamel talba permezz ta' *email* lil-Perit Testaferrata De Noto minn Transport Malta sabiex isiru *traffic calming measures* fi Triq is-Sikka. Il-Kumitat wera d-diżapprovazzjoni tiegħu għal din it-talba l-għaliex it-triq mhix twila u għalhekk qies li mhux ġustifikata.

2.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li daħlet talba sabiex jiżdiedu l-iskips li hemm fi Triq is-Sikka. Madankollu hija esprimiet li ma taqbilx għaliex fi Triq is-Sikka diġà hemm tnejn filwaqt li jeżisti wkoll is-servizz tal-ġbir tal-iskart bieb bieb. Barra minn hekk hija żiedet tgħid li żieda ta' skips kienet tfisser inqas parkeġġi filwaqt li r-residenti ma jridux skips quddiemhom. Is-Sinj. Cuomo talbet biex ninfurmawhom b'dan tal-aħħar.

2.3. F'dan il-ħin wasal is-Sur Bonello. Il-ħin kien is-5:45pm.

## 3. RAPPORT MIL-LAQGĦA TAL-KOMUNITÀ

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport mill-laqgħa tal-komunità lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

3.2. Is-Sur Woods qal li fil-fehma tiegħu x-xewqa prinċipali tar-residenti hija li dawn il-laqgħat għandhom ikunu aktar frekwenti filwaqt li jsibu l-appoġġ mill-Kumitat għal-*action groups* li jixtiequ jwaqqfu.

3.3. Il-Kumitat ħass li jkun għaqli li dan ir-rapport jintbagħat lir-residenti kollha ta' BIC.

3.4. It-talba li resqet is-Sinj. Scott fuq Triq is-Sikka, sabiex tkun ikkunsidrata f'direzzjoni waħda minħabba l-allegat periklu minn traffiku f'żewġ direzzjonijiet tqieset ġustifikata.

3.5. Dwar is-suġġeriment tal-għoti ta' isem ġdid għal parti minn Triq San Franġisk t'Assisi (il-parti fejn m'hemmx ambaxxati) ġie milqugħ tajjeb mill-Kumitat u se jitolbu informazzjoni fuq il-bijografija ta' Patri Benjamin Galea mingħand Fr Paul Attard u/jew Fr Eddie Pace.

3.6. Dwar il-punt li ressaq is-Sur Hili sabiex jitwaqqfu *action groups*, il-Kumitat ma qabilx. Dan għaliex il-Kumitat Amministrattiv twaqqaf proprju biex isemma l-leħen tar-residenti u għalhekk mhumiex qegħdin jaraw il-ħtieġa ta' dan.

3.7. Fir-rigward tal-proposta tas-Sur Attard dwar ilma li ħiereġ mill-Mediterraneo u li allegatament fih ħmieġ tad-dniefel, il-Kumitat ħa deċiżjoni li l-Kunsill għandu jikteb lis-Sanità.

## 4. L-ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK 2013

4.1. Iċ-Chairperson qalet li l-Kumitat għandu jerġa jitkellem ma' tat-train għax kienet suċċess kif ukoll mal-kjosks tal-ikel. Min naħa l-oħra hija qalet li l-*Jewellery Exhibtion* ma kinitx marret tajjeb.

4.2. Is-Sur Woods qal li hemm bżonn li jkun hemm iżjed komunikazzjoni bejn l-membri tal-Kumitat u fost dawk kollha li se jkunu nvoluti fl-organizzazzjoni tal-attività. F'dan id-dawl l-istess Woods ippropona li jiltaqgħu daqs ġimagħtejn oħra f'Baħar iċ-Ċagħaq.

4.3. Is-Sur Bonello saħaq li jekk Ġnien Santa Marija tal-Anġli mhux se jkun fi stat tajjeb, l-attività ma kinitx se tkun possibli.

## 5. IS-SITWAZZJONI TAL-ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

5.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-Ġnien jinsab fi stat tal-biki. Kompliet tgħid li l-qagħda tiegħu ilha ġejja għall-agħar minn Awwissu 2012. F'dan id-dawl talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lill-Ministru dwar il-qagħda kritika tiegħu.

5.2. Il-Kumitat fehem li m'għandhomx riżorsi biżżejjed biex jieħdu ħsieb il-Ġnien. Kien għalhekk li se jressqu t-talba tagħhom quddiem il-Kunsill Lokali In-Naxxar sabiex x'ħin jasal il-waqt, jekk tiġi approvatha, jgħaddi f'idejn il-Kunsill iżda jinżamm fi stat tajjeb ukoll mill-istess Kunsill.

5.3. Fost il-ħafna nuqqasijiet li għandu ssemma' l-periklu għat-tfal. Kawża ta' dan huma bosta: Madum imkisser, *wires* mikxufa, il-*pitch* li mhux qiegħed jiġi miżmum tajjeb, eċċ.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li kienet saret 3 ġimgħat qabel bejn iċ-Chairperson, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Clifford Galea ma' residenta (Louise Gatt) minn Triq is-Sikka dwar proġett tal-Unjoni Ewropeja. L-involviment tal-Kunsillier Galea kien minħabba li din il-persuna talbet lilu biex ilaqqagħha mal-Kumitat.

6.2. Is-Sinj. Gatt talbet lill-Kumitat biex jikunsidra proġetti bħal bini ta' ġibjuni ta' ilma għaż-żamma tax-xita kif ukoll għal użu ta' pannelli fotovoltajċi sabiex id-dawl tat-toroq jibda jaħdem bl-enerġija tax-xemx. Is-SE spjega li, minn informazzjoni li kellu direttament mingħand MEUSAC, proġetti bħal dawn ma kinux possibli b'mod partikulari għaliex meta wieħed japplika fuq iffrankar ta' dwal ikun irid jipprovdi l-kontijiet li jkun qiegħed iħallas filwaqt li jipprova b'mod konkret li l-proġett se

jirrendi. Minħabba li l-Kunsilli Lokali m'humiex responsabbli mill-konsum tad-dawl, dan ma kienx possibli.

6.3. Iċ-Chairperson ipproponiet sabiex isir *doggy bin* maġenb il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli minn naħa ta' Triq ix-Xambekk. Madankollu hekk kif ġiet infurmatha bil-prezzijiet tagħhom, irtirat il-proposta.

6.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat lill-membri tal-Kumitat li l-klassi tal-Pilates li kellha tibda fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2013 tħassret minħabba n-nuqqas ta' konkorrenza mill-parteċipanti.

6.5. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-qagħda diżastruża li tinsab fih Triq Baħar iċ-Ċagħaq b'mod speċjali il-parti li tmiss ma' Triq il-Wirt Naturali.

6.6. F'dan ir-rigward hija talbet lill-Kunsill Lokali Naxxar sabiex jagħmel ir-rikjesta meħtieġa mal-kuntrattur ikkonċernat sabiex tali xogħol jitwettaq malajr kemm jista' ikun.

6.7. Iċ-Chairperson qalet li peress li hi u s-Sur Bonello ma kinux marru jduru t-toroq għall-ismijiet tat-toroq, semmiet li dan l-eżerċizzju se jagħmluh hi u s-Sinj. Muscat.

6.8. Is-Sinj. Muscat infurmat li kienet se ssir laqgħa mal-Ministru Farrugia nhar l-10 ta' Lulju 2013 fis-2.30pm ġewwa Kastilja. It-tema se tkun dwar l-art li hemm ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u li fil-preżent hija mikrija lill-Iscouts tan-Naxxar.

## 7. TMIEM IL-LAQGĦA

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju, 2013 ghal 5:00pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |